

# DEĊIJONIJIET

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/1505

**tad-9 ta' Settembru 2022**

**li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer  
(EUCAP Sahel Niger)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/392/PESK (¹) li stabbiliet missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer sabiex tappoġġa t-tishħiħ tal-kapaċċità tal-atturi tas-sigurtà tan-Niġer biex jikkumbattu t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata (EUCAP Sahel Niger).
- (2) Fis-7 ta' Settembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1254 (²) u estenda l-Missjoni sat-30 ta' Settembru 2022.
- (3) Fil-15 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) eżamina r-Rieżami Strateġiku tal-Missjoni u qabel li jestendi l-EUCAP Sahel Niger sat-30 ta' Settembru 2024. Fit-28 ta' Ġunju 2022, meta għalaq ir-Rieżami Strateġiku tal-Missjoni, il-KPS qabel ukoll fost l-oħrajn li l-Missjoni jenħtieġ li tkun tista' tiskambja informazzjoni klassifikata tal-UE mal-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-Unjoni, fil-qafas tal-mandat tagħha.
- (4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2012/392/PESK tiġi emmendata skont dan.
- (5) L-EUCAP Sahel Niger ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objektiivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2012/392/PESK hija emmendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 4 huwa sostitwit u jiddaħħal paragrafu ġdid, kif ġej:

"4. L-EUCAP Sahel Niger għandha tiżviluppa u timplimenta, f'koordinazzjoni mill-qrib mad-delegazzjoni tal-Unjoni f'Niamey, strateġija ta' komunikazzjoni biex jitrawmu l-valuri tal-UE u tiġi promossa l-azzjoni tal-UE fis-Saħel, b'mod partikolari fin-Niġer.

5. L-EUCAP Sahel Niger ma għandha twettaq l-ebda funzjoni eżekuttiva.";

- (2) fl-Artikolu 13(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP Sahel Niger għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2022 sat-30 ta' Settembru 2024 għandu jkun ta' EUR 72 161 381,16.";

(¹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 48).

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1254 tas-7 ta' Settembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 294, 8.9.2020, p. 3).

(3) fl-Artikolu 14, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoopera ma' Missjonijiet oħra tal-PSDK, b'mod partikolari mal-EUCAP Sahel Mali, inkluż iċ-Ċellula ta' Konsulenza u Koordinazzjoni Regionali, u mal-EUBAM Libya.”;

(4) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 4 huwa sostitwit, u jiżdied paragrafu ġdid, kif ġej:

“4. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa lill-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-Unjoni, b'mod partikolari lill-Frontex u lill-Europol, informazzjoni klassifikata tal-UE ġġenerata għall-finijiet tal-EUCAP Sahel Niger sal-livell rilevanti ta' klassifikazzjoni rispettivament għal kull waħda minnhom, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE. Għandhom jitfasslu arranġamenti tekniċi għal dak il-għan.

5. Ir-Rappreżentant Għoli jista' jiddelega s-setgħat imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4, kif ukoll il-kapaċità li jikkonkludu l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 2 u 4, lil persuni li jkunu mqiegħda taħt l-awtorità tiegħu/tagħha, lill-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili u/jew hill-Kap tal-Missjoni.”;

(5) fl-Artikolu 16, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Hija għandha tapplika sat-30 ta' Settembru 2024.”.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Settembru 2022.

Għall-Kunsill

Il-President

J. SÍKELA